Verżjoni Elettronika

A.L. 30 tal-2023

ATT GĦAT-TWAQQIF TA' AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI (KAP. 418)

Ordni tal-2023 dwar Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 dwar l-Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

Estensjoni ta' ġurisdizzjoni. Kap. 418.

2. Il-Prim Ministru bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 37(1) tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, qiegħed b'dan jestendi l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fir-rigward ta' kwalunkwe kontestazzjoni ta' kwalunkwe deċizjoni tkun kif tkun deskritta, li l-korp pubbliku kompetenti responsabbli għas-sistema ta' twissija pubblika jista' jieħu skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Komunikazzjonijiet ta' Emerġenza, is-Servizz Uniku Ewropew ta' Sejħiet ta' Emerġenza (Numru "112") u s-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (Medda ta' Numri "116").

L.S. 399.47.